# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2024.**

**Numru: 11**

**Rikors numru 150/2020/1 AF**

**Francis Bonello u Mary Dolores Bonello née Calleja u b'digriet tad-29 ta' Diċembru 2023 l-atti ġew trasfużi f'isem Francis Bonello u dan wara l-mewt ta' martu Mary Dolores Bonello fil-mori tal-proċeduri**

**v.**

**GlobalCapital Financial Management Limited (C30053)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kumpanija GlobalCapital Financial Management Limited minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar il-11 ta' Ottubru, 2023, li biha ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-bqija tal-eċċezzjonijiet, u laqgħet it-

talbiet attriċi u kkundannat lill-kumpanija konvenuta tħallas id-danni likwidati lill-atturi. Bl-ispejjeż kontra l-istess kumpanija konvenuta.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fl-20 ta' Frar, 2020, l-atturi fissru li Francis Bonello ta' 74 sena kien pensjonant u martu Mary Doris Bonello kellha 72 sena. Jissoktaw jgħidu li wara li l-attur wettaq snin twal ta' ħidma maċ-Ċivil, irtira mis-servizz ta' 61 sena u rċieva *gratuity* mingħand il-Gvern ta' Lm19,350. Martu kienet għamlet żmien ħadmet bħala segretarja *part-time* f'ditta ta' periti, barra li kienet ukoll mara tad-dar u omm.

3. L-atturi jgħidu li hekk kif l-attur irċieva s-somma msemmija f'Ottubru tas-sena 2006 xtaqu li jinvestuha b'mod prudenti u kawt b'tali mod li jkollhom ftit dħul b'żieda mal-pensjoni tas-sigurtà soċjali. Jgħidu li dak iż-żmien, il-kumpanija konvenuta kienet tagħmel reklamar qawwi fuq il-mezzi tax-xandir dwar is-servizzi ta' investiment tagħha u kien għalhekk li huma marru fl-uffiċċji tagħha sabiex jieħdu parir kif l-aħjar jinvestu s-somma li rċevew.

4. Ifissru li ġew mitkellma minn "*Financial Planning Manager*", Riteanne Brincat, fejn huma qalulha li xtaqu jieħdu parir kif jagħmlu l-

investiment b'mod li jieħdu xi ftit imgħax ta' kull sena. Huma għamlu premura kif l-investiment kellu jkun sigur tant li l-kapital ikun garantit. Jgħidu li Riteanne Brincat qaltilhom li ser ittihom parir biex jinvestu f'***The Protected Asset Traded Endowment Plan Fund No 2 – EUR ("PATF TEP 2 EUR")***, liema prodott kien wieħed b'riskju baxx u kellu l-kapital garantit, kif kien jidher anke fil-fuljetti li tathom. Iżidu li Riteanne Brincat qaltilhom ukoll li hi stess, kif ukoll il-familjari tagħha, investew f'dan il-Fond peress illi għandu l-kapital garantit. Fuq dan il-kliem, l-atturi qablu li jinvestu s-somma tal-*gratuity* ta' Lm19,350 u żiedu Lm3,150 biex għaqqdu s-somma ta' Lm22,500.

5. L-atturi jissoktaw jgħidu li Riteanne Brincat bdiet timla l-formoli, mingħajr l-ebda spjegazzjoni ulterjuri, la dwar l-investiment innifsu u lanqas dwar il-kontenut tal-formularju, u sempliċement talbithom jiffirmaw fejn uriethom. Ma ngħatat l-ebda kopja tal-ebda dokument li huma ffirmaw. Isostnu li huwa sintomatiku l-fatt illi f'laqgħa waħda ta' xi tliet kwarti sar dan l-investiment fil-PATF TEP 2 EUR ta' somma ekwivalenti għal €51,669.50.

6. Jgħidu li ftit xhur wara, ċjoè f'Mejju 2007, l-attriċi Bonello reġgħet, flimkien ma' żewġha, marret l-uffiċċji tal-kumpanija konvenuta biex tinvesti f'isimha biss is-somma ta' Lm7,500 li kienet faddlet meta kienet taħdem *part-time* bħala segretarja f'uffiċċju ta' periti. Anke din id-darba l-

*Financial Planning Manager* kienet Riteanne Brincat li tatha l-istess parir ta' qabel biex tinvesti l-ekwivalenti f'ewro ta' €17,250.89 fil-*PATF TEP 2 EUR*. Jgħidu li għal darb'oħra Riteanne Brincat ħadet il-firem tal-attriċi Bonello fuq il-formularju tal-kumpanija konvenuta u għal darb'oħra ma saret l-ebda spjegazzjoni fuq il-kontenut tagħhom u ma ngħatat l-ebda kopja lill-attriċi. L-uniku dokumenti li ngħatat l-attriċi kien fuljett ieħor tal-*PATF TEP 2* u l-irċevuta għas-somma ta' Lm7,500.

7. L-atturi jgħidu li bdew jindunaw sa mill-aħħar tas-sena 2008 li l-investimenti tagħhom bdew iġarrbu telf kapitali sostanzjali ferm. Il-prezz kompla nieżel biex laħaq il-qiegħ fi Frar 2009 għal €0.7470. Kif raw hekk, huma mill-ewwel ilmentaw mal-kumpanija konvenuta dwar dan u dwar dak li dejjem intqal lilhom li l-investiment kien ta' riskju baxx u bil-kapital garantit. Jissoktaw jgħidu li Riteanne Brincat qaltilhom li jiġbdu kollox dak iż-żmien, jiġifieri qabel ma jgħaddu ħames snin mill-investiment, huma kienu se jeħlu penali ta' 5%, ħaġa li qatt ma kienet mgħarrfa lilhom. Brincat tathom parir biex jistennew il-prezz jirkupra.

8. L-atturi jissoktaw jgħidu li f'Marzu 2009, huma ressqu lment bil-miktub lill-kumpanija konvenuta. Xahar wara, il-kumpanija konvenuta ċaħdet dan l-ilment għalkemm il-prezz fil-fatt irkupra xi ftit, dan baqa' qatt ma ħa r-ruħ u għalhekk f'Mejju 2012 u Lulju 2012 iddeċidew li jifdu l-investiment tagħhom, u xorta ġew penalizzati bi *penalty fee*, li

sadattant l-PATF daħħlet anke fuq fidi li jsir wara ħames snin. Ifissru li għall-investiment ta' €51,669.50 (li kien f'isimhom it-tnejn), huma rkupraw rikavat ta' bejgħ ta' €39,061.89, u b'hekk kellhom telf kapitali ta' €12,607.61, ekwivalenti għal 24.4% tal-kapital, u mingħajr ebda dħul. Imbagħad fit-tieni investiment, dak f'isem l-attriċi waħedha, għal investiment ta' €17,250.89, hija rkuprat rikavat ta' bejgħ ta' €12,315.90, u kellha telf kapitali ta' €4,934.99, ekwivalenti għal 28.6% tal-kapital, u mingħajr ebda dħul.

9. Jgħidu li l-kumpanija konvenuta baqgħet qatt ma tathom kopja tad-dokumenti ffirmati minnhom fil-proċess li sar fl-investiment. Dawn il-kopji ingħatawlhom biss fi Frar 2020 meta l-konsulent finanzjarju indipendenti li marru jieħdu parir minn għandu f'Jannar tas-sena 2020 talab ghall-istess dokumenti, b'mod partikolari l-A*ccount Opening Form and Client Profile*, il-*File Notes* u l-*Experienced Investor Declaration*.

10. L-atturi jisħqu li dan l-investiment tal-*PATF TEP 2 EUR* huwa strument finanzjarju kumpless tat-tip *asset backed securities* li jinvesti fi *traded life policy investments,* u li huwa ta' riskju għoli, tant li huwa tat-tip ***Professional Investor Fund*** u maħsub biss għal ***Experienced Investors*** fl-istess tip ta' investiment. Jgħidu li huma ma kellhom l-ebda tagħrif, taħriġ jew esperjenza preċedenti fi kwalunkwe tip ta' investiment, wisq anqas f'dan it-tip ta' investiment speċjalizzat li l-kumpanija

konvenuta begħtitilhom. Jgħidu li l-uniku investiment li qatt għamlu qabel kien wiehed, sittax-il sena qabel, ghas-somma ta' Lm106 meta gie privatizzat il-Bank of Valletta.

11. Itennu li l-kumpanija konvenuta, b'nuqqas ta' ħila, prudenza, diliġenza u attenzjoni, u bi ksur tal-obbligi legali u professjonali tagħha, tathom jinvestu flushom f'dan il-prodott spekulattiv minkejja li huma kienu ddikjaraw li kellhom attitudni ta' riskju kawt u konservattiv u li ma ridux riskju ghal kapital. Jgħidu li l-kumpanija konvenuta, kemm verbalment kif ukoll permezz ta' *brochure* li tathom, żvijathom meta qaltilhom u ttamathom li dan l-investiment kien ta' riskju baxx. Għaldaqstant isostnu li huma twasslu sabiex jinvestu flushom fih ma kienx addattat u idoneju għalihom, jew aħjar ma kienx *suitable* kif ir-reġim regolatorju applikabbli jesiġi. Lanqas ma kien kompatibbli maċ-ċirkostanzi tagħhom, mal-assenza totali tagħhom ta' tagħrif u esperjenza preċedenti fl-investimenti, u mal-*loss absorption capacity* tagħhom, kif meħtieġ mir-reġim regolatorju applikabbli u r-Regoli tal-MFSA applikabbli fiż-żmien tal-bejgħ.

12. Iżidu li l-kumpanija konvenuta naqset li tagħtihom l-informazzjoni kollha meħtieġa u rilevanti dwar in-natura ta' dawn l-investimenti u r-riskji involuti fihom, u naqset li tkun ċerta li huma kienu kapaci jifhmu r-riskji u kapaċi jieħdu deċiżjoni infurmata qabel jinvestu fil-PATF TEP 2

EUR. Jisħqu li huwa ċar li l-kumpanija konvenuta naqset fil-konfront tagħhom mill-obbligi tagħha li tagħtihom servizz b'diliġenza, sengħa, ħila u kura. Anzi proprju l-kuntrarju għaliex is-servizzi provduti mill-kumpanija konvenuta ngħataw bi traskuraġni u negliġenza kuntrattwali grossolana u bi ksur u b'nuqqas ta' twettiq tal-obbligi kuntrattwali, riżultat ta' nuqqas ta' *client due diligence* u *product due diligence,* bi ksur ċar tal-liġijiet u r-reġim regolatorju applikabbli, u tal-obbligi fiduċjarji tagħha. Isostnu li l-kumpanija konvenuta ħadet vantaġġ min-nuqqas ta' għarfien, esperjenza fil-qasam tal-investimenti, u b'rieda ħażina, diżonestà u b'qerq, u bi ksur tal-obbligi professjonali u fiduċjarji tagħha, kisbet mingħandhom firem għal dikjarazzjonijiet u kundizzjonijiet li qatt ma setgħu jifhmuhom. B'żieda ma' dan, jgħidu li wħud minn dawn id-dikjarazzjonijiet lanqas kienu veritieri, anzi kienu l-kuntrarju ta' dak li ntqal jew ingħataw x'jifhmu, u ttieħdu biss biex permezz ta' dan l-artifiċju l-kumpanija konvenuta tkun tista' ddaħħal lill-atturi f'investiment li kien maħsub biss għal investituri professjonali u ta' esperjenza u li ma kienx tajjeb għalihom u mhux fl-interess tagħhom.

13. L-atturi jsostnu li dan kollu huwa kontra l-prinċipju ġenerali tal-**Kodiċi Ċivili** li l-kuntratti għandhom isiru b'rieda tajba, u wkoll kontra d-dispożizzjonijiet tal-**Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur**, Taqsima VII, meta ttieħdu dikjarazzjonijiet mhux ġusti u pprojbiti, intużaw prattiċi kummerċjali mhux ġusti, saru atti u ommissjonijiet qarrieqa, intweriet

nuqqas ta' diliġenza professjonali, u ntużat influwenza mhux xierqa bl-isfruttament ta' pożizzjoni ta' poter mill-istess kumpanija konvenuta fil-konfront tagħhom bħala *retail investors*. B'riżultat ta' dawn in-nuqqasijiet kollha huma ġarrbu danni kbar konsistenti f'telf qawwi tal-kapital investit u tad-dħul ieħor relattiv, għal liema danni għandha twieġeb il-kumpanija konvenuta.

14. Minħabba f'hekk, l-atturi fetħu din il-kawża u talbu lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta ma aġixxitx fl-aħjar interess tal-atturi u aġixxiet b'mala fidi u b'nuqqas ta' onestà, u naqset mill-obbligi kuntrattwali, legali u professjonali tagħha fil-konfront tal-esponenti, fl-għoti tas-servizzi ta' investiment fuq imsemmi;*
>
> *2. Tiddikjara u tiddeċiedi li, b'riżultat ta' dan l-aġir u tan-nuqqasijiet attribwibbli lill-konvenuta, l-esponenti sofrew danni inġenti konsistenti f'telf ta' kapital u qligħ;*
>
> *3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-esponenti s-somma likwidata u dovuta magħmula minn telf ta' kapital ta' tnax-il elf sitt mija u seba' ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€12,607.61) u erbat elef disa' mija u erba' u tletin ewro u disa' u disgħin ċentezmu (€4,934.99), total ta' sbatax-il elf ħames mija u tnejn u erbgħin ewro u sittin ċenteżmu (€17,542.60), u li peress li qatt ma tħallas l-ebda interessi, bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) ai termini tal-Kodiċi Ċivili mid-data tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u sitta (2006) u t-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sebgħa 2007 sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> *Bl-ispejjeż, inkluż it-talba biex din l-Onorabbli Qorti, ai termini tal-Artikolu 223(5) tal-Kap. 12, tiffissa s-somma li tista' tintalab bħala spejjeż għax-xhud ex parte prodott mill-atturi.*
>
> *Bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta li tibqa' inġunta minn issa għas-subizzjoni, u b'riżerva għal kull azzjoni oħra kompetenti lill-esponenti fir-rigward.»*

15. Il-kumpanija konvenuta ressqet it-tweġiba tagħha

*«1. Illi, preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2.Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, l-ewwel (1) talba tal-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt inkwantu mhux minnu li s-soċjetà intimata ma aġixxitx fl-aħjar interess tal-atturi u aġixxiet b'mala fidi u b'nuqqas ta' onestà u li naqset mill-obbligi kuntrattwali, legali u professjonali tagħha fil-konfront tal-atturi fl-għoti tas-servizz ta' investiment li attwalment ingħata lill-atturi;*

*3.Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet surriferiti, t-talbiet kollha l-oħra tal-atturi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt inkwantu, apparti li għad trid issir il-prova tad-dannu li qed jiġi allegat mill-atturi, is-soċjetà intimata mhiex responsabbli versu l-atturi għal ebda dannu jew telf li seta' ġie soffert minnhom u għalhekk is-soċjetà intimata ma għandhiex tiġi kkundannata tħallas ebda ammont in linea ta' danni jew telf jew imgħaxijiet lill-atturi u għaldaqstant it-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-eċċipjenti għandhom jiġu respinti;*

*4.Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, t-tielet talba għall-imgħaxijiet hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt; Illi apparti l-fatt li la l-kapital u lanqas d-dħul jew tkabbir kapitali ma kienu garantiti mis-soċjetà intimata, jiġi sottomess illi l-atturi għamlu l-investiment de quo fl-2006 u l-2007 jiġifieri ftit snin biss qabel l-akbar kriżi fis-swieq finanzjarji li rat id-dinja mis-snin 1930 'l hawn. Għalhekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiż-żmien inkwistjoni, l-atturi ma jistgħux jassumu illi kieku investew flushom f'investiment ieħor il-kapital tagħhom kien ser jibqa sħiħ u/jew li kienu ser jagħmlu xi dħul mill-investimenti tagħhom.*

*5.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi»*

16. B'sentenza mogħtija fil-11 ta' Ottubru, 2023, l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-bqija tal-eċċezzjonijiet, laqgħet it-talbiet kollha attriċi u kkundannat lill-kumpanija konvenuta tħallas lill-atturi d-danni mġarrba fis-somma ta' €18,542.60 flimkien mal-imgħaxijiet legali dekoribbli mill-24 ta' Ottubru, 2006 fuq is-somma ta' €51,669.50 u mill-21 ta' Mejju, 2007 fuq is-somma ta' €17,250.89 sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż jinġarru mill-kumpanija konvenuta.

17. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi hekk kienu dawn:

«*Ikkunsidrat illi din hija kawża marbuta ma' żewġ investimenti li għamlu l-atturi fuq parir u struzzjonijiet ta' rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta. Il-Qorti qiegħda deliberatament tagħżel illi ma ssemmix lir-rappreżentant b'isimha għar-raġuni li din il-persuna mhijiex parti f'dawn il-proċeduri u lanqas biss tressqet sabiex tixhed.*

*L-atturi xehdu illi l-investimenti ma marrux tajjeb tant illi meta fdewhom spiċċaw ġarrbu telf importanti, telf li fil-fehma tal-atturi jammonta għal xejn inqas minn €17,542.60. Jallegaw illi fil-mument li ffirmaw id-dokumentazzjoni dwar tali investimenti id-dokumenti relattivi ma nqrawx lilhom u lanqas ma ġie mfisser lilhom ir-riskji li tali nvestimenti kienu jġorru magħhom. L-atturi jgħidu wkoll illi huma straħu fuq dak li qaltilhom ir-rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta għaliex kellhom fiduċja sħiħa fis-soċjetà konvenuta. Madanakollu, tenut kont tat-telf illi ġarrbu u ta' kif żvolġew il-fatti, l-atturi jallegaw aġir negliġenti, illegali u abbużiv da parti tas-soċjetà konvenuta.*

*Permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jippretendu riżarċiment tat-telf li ġarrbu mill-investimenti liema telf jammonta komplessivament għas-somma ta' €17,542.60, l-imgħax bir-rata ta' 8% dekorribbli minn dak inhar li saru l-investimenti rispettivi kif ukoll l-ispejjeż minnhom inkorsi in relazzjoni ma' tali investiment.*

*Is-soċjetà konvenuta laqgħet billi eċċepiet il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. Fil-mertu, is-soċjetà konvenuta eċċepiet illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li hija m'għandha ġġorr ebda responsabbiltà vis-à-vis l-atturi.*

*Ikkunsidrat illi mill-atti jirriżulta illi l-atturi huma persuni li f'ħajjithom ħadmu u ġemmgħu dak illi setgħu waqt illi fil-mument illi l-attur ħareġ bil-pensjoni l-atturi raw kif ikabbru l-kapital tagħhom bil-għan li jkollhom dħul addizzjonali mal-pensjoni li jirċievi l-attur. L-atturi xehdu li kienu għamlu biss investiment wieħed f'ħajjithom, investiment f'ammont irriżorju li jirrisali għas-sena 1990. L-investimenti li għamlu fl-età tal-pensjoni għamluhom fuq parir tar-rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta. L-attur xehed illi s-soċjetà konvenuta kienet ilha tirreklama s-servizzi tagħha fuq il-mezzi tax-xandir. L-atturi dehrilhom li s-soċjetà konvenuta setgħet tagħtihom parir u għalhekk straħu fuq dak illi ngħad lilhom għaliex kellhom fiduċja fiha.*

*L-atturi rrikorrew ġewwa l-uffiċini tas-soċjetà konvenuta fis-sena 2006 u dakinhar stess ġew assenjati ma' rappreżentanta speċifika sabiex tassistihom. F'dan l-ewwel inkontru r-rappreżentanta ssuġġeriet lill-atturi illi jinvestu f'The Protected Asset Traded Endowement Plan Fund No. 2 – EUR (PATF TEP 2 EUR). Skont ma xehed l-attur l-istess rappreżentanta rrassikurathom li dan kien investiment tajjeb għalihom u għal persuni li bħalhom kienu ħarġu bil-pensjoni. Tenniet tgħidilhom ukoll li hi u l-familjari tagħha wkoll kienu investew f'dan il-fond. L-attur kompla jixhed illi r-rappreżentanta qaltilhom li dan kien investiment b'riskju baxx u kapital garantit. Dak il-ħin stess hija bdiet timla l-formoli relattivi u talbet lill-atturi jiffirmaw. L-attur xehed li ffirmaw il-karti mingħajr ma qraw il-kontenut u dan għaliex fi kliemu "kelli fiduċja fihom"[1]. Dakinhar l-atturi investew it-total ta' €45,073.*

*It-tieni inkontru seħħ f'Mejju tas-sena 2007 meta l-attriċi waħedha rrikorriet ġewwa l-uffiċini tas-soċjetà konvenuta bl-intenzjoni li tinvesti s-somma ta' €7,500. Hemm reġgħet ġiet assenjata mal-istess rappreżentanta li kienet assistiethom fuq l-ewwel investiment. Din issuġġeriet li l-attriċi tinvesti fl-istess fond u dak il-ħin stess ħejjiet id-dokumentazzjoni relattiva u talbet lill-attriċi tiffimaha.*

*L-atturi xehdu li waqt illi huma ma kienux talbu kopja tad-dokumenti minnhom iffirmati, dawn lanqas ma ġew offruti lilhom. Kopja tad-dokumenti ngħatat biss wara li Paul Bonello, espert finanzjarju, fuq inkarigu ex-parte tal-atturi, talab li jikseb kopja tad-dokumentazzjoni relattiva għaż-żewġ investimenti sabiex janalizzahom.*

*Intant, fis-sena 2008 l-atturi bdew josservaw illi l-fond li kienu nvestew fih ma kienx sejjer tajjeb tant illi kien qiegħed iġarrab telf sostanzjali. Meta lmentaw dwar dan mas-soċjetà konvenuta, l-atturi ġew rassikurati li ma kienx hemm raġuni għaliex jallarmaw ruħhom u li riedu jagħtu żmien sabiex il-fond jirkupra. Stante illi baqgħu mhux sodisfatti minn dak li ngħad lilhom mir-rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta, l-atturi rreġistraw ilment mal-Awtorità ta' Malta Dwar is-Servizzi Finanzjarji (MFSA). Irid jingħad illi wara li eżaminat il-każ tal-atturi, l-MFSA ikkomunikat id-deċiżjoni tagħha fis-sens li l-atturi kienu edotti mir-riskju ta' dan l-investiment speċifiku stante l-fatt illi kellhom id-dettalji kollha miktuba fuq id-dokumentazzjoni minnhom iffirmata fil-mument li sar l-investiment.*

*Fis-sena 2012, wara li taw żmien sabiex il-fond jirkupra iżda dan baqa' jirreġistra telf, l-atturi għażlu li jbiegħu l-investimenti sabiex ma jkomplux iġarrbu telf ulterjuri. Kien f'dan il-punt li saru jafu li kienu ser jeħlu penali ta' 5% għar-raġuni li kienu ser jifdu l-investiment f'temp ta' anqas minn 5 snin mindu kienu għamlu l-investiment.*

[1] *A fol.* 191

*Mill-provi jirriżulta illi mill-ewwel investiment fis-somma ta' €51,669.50 ġabru €39,061.89 waqt illi mit-tieni investiment fl-ammont ta' €17,250.89 ġabru €12,315.90.*

*Fir-relazzjoni teknika tiegħu, Paul Bonello spjega illi l-investiment propost lill-atturi huwa "an experienced investor fund" intiż unikament għal persuni li huma "sufficiently experienced to understand the risks associated with an investment in PATF".*

*L-espert studja l-kwistjoni fil-fond u fir-relazzjoni tiegħu pprovda analizi dettaljata dwar l-investiment mertu ta' din il-kawża. Huwa tratta wkoll każistika rilevanti għall-każijiet bħal dak in diżamina u r-responsabbiltà tas-soċjetà konvenuta u r-rappreżentanti tagħha għall-akkadut. Huwa wasal għas-segwenti konklużjonijiet:*

> *"Fil-fehma tas-sottoskritt, u kif spjegat fid-dettall f'dan ir-Rapport supra, is-soċjetà' konvenuta kienet negliġenti fl-aġir tagħha u naqset serjament minn dik l-onestà' mitluba mid-doveri fiduċjarji u regolatorji tagħha lejn l-atturi meta:*
>
> > *i. naqset li tapprezza tajjeb iċ-ċirkostanzi personali tal-atturi fl-għoti tas-servizz ta' investiment Advisory fir-rigward tal-Prodott PATF TEP2, b'mod partikolari l-assenza totali ta' tagħrif u esperjenza fl-investiment, u fi kwalunkwe każ anke li kieku, dato ma non concesso, is-servizz kellu jiġi kkunsidrat Promote & Sell, in-nuqqas ta' tagħrif u esperjenza tal-atturi kieni tali li l-PATF, prodott intiż għal investituri b'esperjenza, qatt ma seta' jkun addattat għalihom;*
> >
> > *ii. naqset li tagħmel assessment tal-idonjetà tal-prodott għall-atturi b'għaqal, ħila u diliġenza kif titlob il-liġi fil-materja, inkluż l-obbligazzjonijiet fiduċjarji u dawk regolatorji;*
> >
> > *iii. naqset li tapprezza li l-klijenti ma kinux kapaċi jifhmu u japprezzaw ir-riskji finanzjarji u legali involuti;*
> >
> > *iv. ma għamlet l-ebda due diligence sura ta' nies fuq il-prodott PATF TEP 2 biex tivvalida l-istatements magħmula fil-materjal promozzjonali tagħhom, u riżultat ta' dan in-nuqqas għamlet assessment tekniku kompletament żbaljat tal-profil tar-riskju tal-prodott meta qassmet l-istess materjal lill-atturi u anke oralment u bil-miktub ippreżentat il-prodott bħala li huwa ta' "Low Risk", u hekk l-atturi spiċċaw żvijati;*
> >
> > *v. tat parir li huwa dijatrimikament oppost għal dak li talbu l-atturi mis-soċjetà konvenuta, jiġifieri ngħataw parir ta' prodott ta' riskju għoli meta kien speċifikat, li l-attitudni ta' riskju tagħhom kien wieħed baxx;*
> >
> > *vi. ħadet dikjarazzjonijiet mingħand l-attur u martu li mhux biss ma kinux veritjiera iżda li jiżvantaġġaw lill-istess atturi, bi ksur flagranti tal-obbligi fiduċjarji tas-soċjetà konvenuta fil-konfront tal-atturi;*
> >
> > *vii. għamlet użu minn uffiċjal tal-kumpannija biex jagħti servizz ta' investiment li, sia jekk kien Advisory u sia jekk kien Promote & Sell, liema uffiċjal ma kienx awtorizzat kompetenti biex jipprovdi."*

*Michael Schembri, in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta xehed illi skont ma jirriżulta lilu mill-file notes jidher illi l-atturi kellhom "medium to cautious attitude" li jfisser li kienu disposti jaċċettaw element ta' riskju fl-investimenti tagħhom. Kompla jixhed illi l-firma tal-atturi fuq id-dokumenti relattivi hija prova suffiċjenti tal-fatt li fehmu l-import tad-dikjarazzjonijiet kontenuti f'dawk id-dokumenti. Żied jgħid illi l-atturi ffirmaw ukoll dikjarazzjoni fejn jistqarru li kienu experienced investors.*

*Schembri ssokta jgħid illi l-penali ta' 5% li jirreferu għaliha l-atturi hija discretionary redemption penalty introdotta mill-fond ta' investiment fit-18 ta' April 2011 bil-għan illi jiġu protetti l-investituri.*

*Dwar il-fatt li l-atturi ma rċevewx imgħaxijiet huwa spjega li dan kien dovut għall-fatt li dan it-tip ta' investiment huwa tat-tip 'accumulator fund' li jfisser li minflok illi l-qligħ jitqassam f'imgħax il-qligħ jiġi rifless fi tkabbir tal-kapital bil-frott tat-tkabbir jitgawda meta jiġi mifdi l-investiment.*

*Għal dak illi jirrigwarda t-telf imġarrab mill-atturi, Schembri xehed illi dan kien dovut għall-fatt illi l-atturi biegħu fi żmien ħażin. Madanakollu, in kontroeżami xehed illi sal-lum il-prezz tal-investiment baqa' ma' ntlaħaqx.*

*Inkwantu r-rappreżentant li biegħet l-investiment lill-atturi, Schembri xehed illi ma jafx jekk din kinitx awtorizzata tagħti parir. Xehed illi hija kienet tiffirma bħala financial advisor u kellha funzjoni ta' promote and sell.*

*Fl-isfond tal-fatti li jsawwru l-kawża tal-lum, il-Qorti sejra tgħaddi minnufih sabiex tittratta l-eċċezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni li jekk tirriżulta ppruvata sservi sabiex twaqqaf l-azzjoni fil-mertu.*

*Il-Qorti qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati fejn tolqot il-kwistjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-***Artikolu 2156(f)** *fi sfond ta' kawżi fil-konfront ta' financial services providers.*

*Is-soċjetà konvenuta qiegħda teċċepixxi l-preskrizzjoni ta' ħames snin li ai termini tal-***Artikolu 2156(f***) tapplika għal azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku.*

*Peress illi l-preskrizzjoni eċċepita hija waħda estintiva tad-dritt għar-riżarċiment tal-kreditu, irid jittieħed kont ta' minn mindu tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Huwa prinċipju stabbilit illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri*

*mill-mument li fih l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata, prinċipju dan illi jinsab rifless fl-**Artikolu 2137 tal-Kap. 16**[2].*

*L-**Artikolu 2156 tal-Kap. 16** ma jistax jinqara u jiġi interpretat in iżolament iżda jeħtieġ jiġi mħaddem flimkien mal-**Artikoli 2137** u **2160 tal-istess kodiċi**.*

*L-**Artikolu 2137** jaqra hekk:*

> *"Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

*L-**Artikolu 2160** jaqra hekk:*

> *"(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*
>
> *(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.*
>
> *(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur."*

*Fid-dawl ta' dak illi jipprovdi għalih l-**Artikolu 2160** inkwantu l-applikazzjoni tal-**Artikolu 2156(f)**, jeħtieġ illi l-Qorti tqis żewġ fatturi determinati u ċjoè: a) il-mument minn mindu tibda tiddekorri l-preskrizzjoni; b) il-ġurament deċiżorju tad-debitur skont il-formola preskritta mill-**Artikolu 2160**.*

*Kif diġà ngħad il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minnufih malli d-danneġġat ikun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu għall-azzjoni, f'dan il-każ waħda ta' riżarċiment.*

*Mill-kronoloġija tal-fatti traċċjata aktar 'il fuq f'din is-sentenza, jirriżulta għal din il-Qorti illi l-azzjoni attriċi kienet esperibbli mit-30 ta' Mejju 2012 u ċjoè mill-mument meta l-atturi fdew l-aħħar parti tal-investiment tagħhom u minn hemm irriżulta kemm effettivament kien it-telf globali minnhom imġarrab. Il-kawża tal-lum inbdiet permezz ta' rikors tal-20 ta' Mejju 2020. L-atturi xehdu li dawn tal-lum huma l-uniċi proċeduri u passi legali li qatt ħadu fil-konfront tas-soċjetà konvenuta għar-rigward il-mertu ta' din il-vertenza.*

---

[2] *Ara fost l-oħrajn:* ***Mizzi Estates Limited v. Frank Borda et****, Qorti tal-Appell, 31 ta' Ottubru, 2014*

*Huwa evidenti għalhekk illi l-perijodu preskrittiv kif stabbilit ai termini tal-**Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16** altru milli kien għadda fil-mument li fih l-atturi intavolaw il-kawża tagħhom. Dan premess, sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni kif sollevata mis-soċjetà konvenuta, il-Qorti trid tittratta wkoll it-tieni element tal-azzjoni u ċjoè dak ravviżat ai termini tal-**Artiklu 2160 tal-Kap. 16**. A propożitu, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Frar 2018 fl-ismijiet **P&S (C4860) et v. Noel Zammit et**, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili daħlet funditus fil-kwistjoni tal-effetti provokati mill-emendi għall-**Artikolu 2160**. Il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:*

> *"…Li forsi ma fehemx il-Konvenut hu, li l-eċċezzjoni taħt **artiklu 2156(f)** u **(d) tal-Kodiċi Ċivili** ma tirnexxix għas-sempliċi raġuni li jkunu għaddew ħames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-**artikoli 2156(d)** u **(f) tal-Kodiċi Ċivili** huwa biss wieħed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiża. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-ieħor kumulattiv ta' natura proċedurali, li jikkommina l-**artiklu 2160 (1) tal-Kodiċi Ċivili**.*
>
> *20. Dan l-artiklu jistabbilixxi, li min irid jipprevalixxi ruħu mill-benefiċċju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, għandu (i) jixhed minn jeddu u (2) jagħti l-ġurament waqt il-Kawża li ma hux debitur. L-anqas ma jista' jghid li ma jiftakarx li l-ħaġa ġiet imħallsa, għaliex dan ix-xorta ta' ġurament huwa riżervat għall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-liġi l-kliem użat huwa "ma jiftakrux" (ara Deċiżjoni fl-ismijiet **Vincenzo Cauchi v. Giovanni Scerri** tal-Qorti tal-Kummerċ, 28 ta' Ottubru 1955).*
>
> *21. Minkejja t-tibdil fil-liġi kif fuq ingħad, dawn iż-żewġ formuli ta' ġurament xorta baqgħu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eċċezzjonijiet. Li tgħid li d-dejn huwa preskritt, mingħajr ma tuża t-test li trid il-liġi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eċċezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tiegħu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. …"*[3]

*Fil-każ tal-lum, fl-ebda waqt tal-proċeduri ma jirriżulta illi Michael Schembri għan-nom tas-soċjetà konvenuta, issodisfa l-vot tal-liġi kif preskritt fit-termini ta-**Artikolu 2160**. Konsegwentement ma tistax is-soċjetà konvenuta tipprevalixxi ruħha mill-preskrizzjoni qasira ai termini tal-**Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16**.*

***Fil-Mertu***

*Permezz ta' din l-azzjoni l-atturi qegħdin ifittxu li jiksbu likwidazzjoni u ħlas tad-danni minnhom imġarrba kawża tal-aġir tas-soċjetà konvenuta meta din biegħetilhom prodott li ma kienx jgħodd għalihom, kif ukoll illi naqset pależement fl-obbligi fiduċjarji tagħha vis-à-vis l-atturi.*

---

[3] Ara wkoll: ***Bottega Del Marmista Ltd vs Paul Mifsud et***, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 26 ta' Jannar 2018.

*Da parti tagħha s-soċjetà konvenuta tikkontesta l-pretensjonijiet attriċi u tikkontendi illi hija mhijiex responsabbli għal xi telf imġarrab mill-atturi għaliex tgħid illi mhuwiex minnu li tat xi pariri ħżiena jew qarrieqa lill-atturi. Tisħaq illi li kieku stennew qabel biegħu l-investimenti l-atturi ma kinux iġarrbu tali telf.*

*Qabel xejn il-Qorti tosserva illi għalkemm fl-atti sar aċċenn għad-**Direttiva 2004/39/KE** magħrufa fis-settur bħala **MiFID** ossia **Markets in Financial Instruments Directive**[4] din id-Direttiva u r-regoli hemm kontenuti ma jistgħux japplikaw għall-każ in diżamina stante l-fatt illi din id-Direttiva daħlet fis-seħħ b'effett minn l-1 ta' Novembru 2007 u ġiet sussegwentement emendata fl-4 ta' Novembru 2009 u għalhekk wara li l-atturi kienu għamlu l-investimenti tagħhom.*

*Il-Qorti taqbel perfettament ma' dak illi osservat din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet **Saviour Cutajar vs ALL Invest Company Ltd** fejn ingħad illi f'kawżi bħalma hija dik tal-lum, l-ewwel u qabel kollox għandu jiġi stabbilit jekk is-servizz offrut kienx rakkomandat jew le. Dan il-punt huwa determinati sabiex jiġi stabbilit jekk is-servizz offrut kienx tat-tip investment advice li allura jpoġġi oneru akbar fuq is-soċjetà konvenuta li tosserva l-obbligi tagħha skrupolożament. Wara ampja referenza għall-każistika relevanti, il-Qorti osservat illi rakkomandazzjoni tirriżulta meta l-informazzjoni li tiġi provduta tkun tali li ġġiegħel lill-akkwirent jagħżel dak il-prodott minn ieħor. Ir-rakkomandazzjoni mhux neċessarjament trid issir b'mod espliċitu iżda tista' tiġi inferita miċ-ċirkostanzi ta' kif il-prodott ġie offrut lill-klijent. Jingħad dan għaliex anki jekk f'moħħ il-provditur tas-servizz ma kienx l-iskop li jagħmel rakkomandazzjoni, jista' jagħti l-każ illi l-mod ta' kif ġiet imwassla l-informazzjoni kien tali li jinduċi lill-klijent sabiex jagħżel prodott minn ieħor. Dan jgħodd ukoll anki jekk il-provditur tas-servizz kien jaf li l-prodott mhuwiex adattat għall-klijent.*

*Wara li tqis jekk saritx rakkomandazzjoni, l-Qorti trid tgħaddi sabiex tagħmel evalwazzjoni dwar jekk ir-rakkomandazzjoni li saret kinitx ibbażata fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-klijent tenut kont ta' diversi sitwazzjonijiet inkluż il-bżonnijiet partikolari tal-klijent u x-xewqat tiegħu dwar x'tip ta' riskju jrid jieħu u l-iskop għaliex il-klijent irid jagħmel investiment.*

*Minn eżami akkurat tal-assjem tal-provi jidher ċar li s-soċjetà konvenuta ma qisitx sewwa ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-atturi. L-attur ħadem għomru kollu u fil-mument li wasal għall-pensjoni xtaq illi jinvesti b'mod sigur bil-għan illi jkattar il-flus li kien ġemma u jżid ftit introjtu ma' dak tal-pensjoni. Qatt ma kien il-ħsieb tal-atturi illi jieħdu xi sogru u dan huwa evidenti wkoll mill-mod ta' kif l-atturi ħadmu flushom b'kawtela matul is-snin. Kif jidher evidenti mill-provi, l-atturi qatt m'għamlu investimenti*

[4] Permezz ta' din id-Direttiva ġew emendati d-**Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE** u **93/6/KEE** u d-**Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** waqt illi ġiet imħassra d-**Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE**

*goffi wisq anqas qatt investew xi flus f'portafoll tal-portata bħal dak tal-investiment mibjugħ lilhom mis-soċjetà konvenuta. Inoltre, l-atturi la kellhom għarfien tal-prodott per se u wisq inqas għarfien approfondit dwar l-investimenti b'mod ġenerali. Mix-xhieda tal-atturi jidher ċar illi huma straħu kompletament fuq dak li kien qiegħed jingħad lilhom mir-rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta għaliex din kienet konvinċenti fi kliemha.*

*......*

*Il-fatturi kollha elenkati fil-bran appena ċitat huma simili jekk mhux addirittura identiċi għall-fatturi li taw lok għall-proċeduri tal-lum.*

*Fil-fehma tal-Qorti s-servizz li ġie offrut lill-atturi għandu jiġi meqjus bħala rakkomandazzjoni impliċita fejn ir-rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta offriet lill-atturi prodott wieħed uniku, mingħajr għażla bejn prodott u ieħor. Jidher ukoll illi l-istess rappreżentanta rreklamat il-prodott mertu ta' din il-kawża bħala wieħed ideali għall-atturi u kienet aktar u aktar konvinċenti fi kliemha meta tenniet li anki hi u l-familjari tagħha investew fl-istess prodott. Imkien mix-xhieda ma jirriżulta li s-soċjetà konvenuta għamlitha ċara li ma kinitx qegħda tagħti parir lill-atturi. Anzi, tant l-atturi ħassew li r-rappreżentanta tas-soċjetà konvenuta kienet qegħda tagħtihom parir li straħu fuqha kompletament. Għalhekk, ġaladarba s-soċjetà intimata ma ċċaratx l-irwol tagħha f'dan il-bejgħ u ċjoè m'għarrfitx lill-atturi li ma kinitx qiegħda tagħtihom parir, il-Qorti ssibha li naqset mill-obbligi tagħha.*

*Is-soċjetà konvenuta naqset ukoll meta m'għamlitx suitability assessment u b'hekk offriet lill-atturi prodott li evidentement ma kienx addattat għalihom mhux biss għaliex ma kellhomx il-kapaċitajiet intellettwali u l-esperjenza sabiex jifhmu fiex sewwa sew kien jikkonsisti dan l-investiment, iżda wkoll għaliex l-atturi qatt ma riedu jassumu riskju daqstant għoli bil-flus li ġemmgħu matul ħajjithom. L-għan tal-atturi kien wieħed sempliċi – li jkollhom dħul ulterjuri fix-xahar sabiex ilaħħqu aħjar mal-ħajja. Qatt ma kien f'moħħhom li jissograw jitilfu dak li damu tant snin jaħdmu għalih. Din l-indaġni hija tassattiva f'kuntest fejn jingħata parir finanzjarju bil-konsegwenza li n-nuqqas ipoġġi lis-soċjetà konvenuta fi ksur tal-obbligi legali tagħha.*

*B'żieda ma dak illi diġà ngħad, il-Qorti żżid tosserva illi fil-formoli relattivi għall-investiment is-soċjetà konvenuta niżżlet informazzjoni inveritjiera bl-iskop illi teżimi ruħha mill-obbligi legali li għandha fil-konfront tal-atturi.*

*Magħduda lkoll flimkien, iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li l-aġir tas-soċjetà konvenuta fil-konfront tal-atturi kien wieħed altament skorrett u negliġenti. Apparti li dan l-aġir juri nuqqas ta' onesta, trasparenza u professjonalità da parti tas-soċjetà konvenuta, juri wkoll illi hija naqset pależement milli tosserva l-obbligi legali u tassattivi tagħha. Inutli għas-soċjetà konvenuta li targumenta li*

*l-atturi messhom stennew qabel biegħu l-investiment għaliex kif irriżulta mill-provi, l-investiment baqa' qatt ma rkupra għal dak illi kien fil-mument li l-prodott ġie propost u mibjugħ lill-atturi. Huwa evidenti li s-soċjetà konvenuta tramite l-impjegati taghha kienet aktar interessata fil-profitti li setgħet tagħmel mill-bejgħ tal-investimenti milli li tħares l-interessi tal-klijenti tagħha.*

*Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għat-telf imġarrab mill-atturi u għalhekk għandha tirrifondihom lura l-ammont kollu minnhom mitluf mill-investiment kif ukoll l-imgħaxijiet legali ai termini tal-***Artikolu 1047 tal-Kap. 16***. Għalhekk, l-ammont li s-soċjetà konvenuta għandha tirrifondi lura qua telf imġarrab mill-atturi huwa dak fis-somma komplessiva ta' €17,542.60. Inoltre, s-soċjetà konvenuta għandha wkoll tħallas lill-atturi l-imgħax legali fuq l-ammont globali minnhom investit. Peress illi l-atturi għamlu żewġ investimenti separati, fuq is-somma ta' €51,669.50 rappreżentanti l-ewwel investiment, l-imgħax għandu jkun dekorribbli mill-24 t'Ottubru 2006 u ċjoè minn dakinhar illi sar l-imsemmi investiment, waqt illi fuq it-tieni investiment fis-somma ta' €17,250.89 l-imgħax għandu jkun dekorribbli mill-21 ta' Mejju 2007. Minbarra dan, il-Qorti qiegħda takkorda lir-rikorrenti arbitrio boni viri s-somma ta' €1000 bħala spejjeż inkorsi għas-servizzi tal-espert "ex parte" minnhom inkarigat.»*

18. Il-kumpanija GlobalCapital Financial Management Limited appellat minn din is-sentenza permezz ta' rikors imressaq fid-9 ta' Novembru, 2023, b'erba' aggravji li jistgħu jinġabru hekk: (i) li l-Ewwel Qorti applikat ħażin il-liġi dwar il-preskrizzjoni u fl-istess waqt għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-provi miġjuba quddiemha; (ii) li l-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti anke fuq il-mertu huma msejsa fuq apprezzament ħażin tal-fatti u tal-provi li kellha quddiemha; (iii) li irrispettivament minn kwalunkwe ksur legali u/jew regolatorju li seta' kien hemm, l-Ewwel Qorti naqset milli tfittex x'kien in-ness kawżali għat-telf ilmentat mill-attur appellat, u jekk tali telf seħħx minħabba tort imputabbli lilha; u (iv) li mingħajr ħsara għall-eċċezzjonijiet u għall-aggravji tagħha, id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti rigward l-imgħaxijiet mhux

biss hija ħażina iżda wkoll mhux ġusta għal bosta raġunijiet.

19. L-attur ressaq it-tweġiba tiegħu fil-11 ta' Diċembru, 2023 u ta r-raġunijiet tiegħu għala l-appell għandu jiġi miċħud.

20. Wara li rat l-atti kollha tal-kawża, din il-Qorti tqis li m'hemmx ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Konsiderazzjonijiet:**

21. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha l-kumpanija konvenuta appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx tajjeb l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li hija ressqet fuq l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**. Tgħid li l-Ewwel Qorti eżaminat żewġ fatturi: (i) il-mument minn mindu titlaq il-preskrizzjoni; u (ii) il-ġurament deċiżorju tad-debitur skont il-formola preskritta mill-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili**.

22. Tissokta tgħid li fir-rigward tal-ewwel fattur, l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni t-tajba ċjoè li l-azzjoni attriċi kienet esperibbli mit-30 ta' Mejju 2012, li kienet id-data meta l-atturi fdew l-aħħar parti tal-investiment tagħhom u minn hemm irriżulta kemm kien it-telf globali minnhom

imġarrab. L-Ewwel Qorti kkonkludiet li b'hekk it-terminu ta' ħames snin kien għadda fil-mument li ġiet ippreżentata l-kawża. Madankollu, il-kumpanija appellanti tisħaq li għar-rigward tat-tieni fattur, l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu kont tal-affidavit tar-rappreżentant tagħha Michael Schembri li kkonferma minn jeddu bil-ġurament li, *«is-soċjetà konvenuta GCFM ma hijiex debitriċi tas-Sinjuri Bonello.»* Din id-dikjarazzjoni ssemmiet ukoll minnha fin-nota ta' sottomissjonijiet u b'hekk issostni li l-**Artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili** ġie sodisfatt.

23. L-attur min-naħa tiegħu wieġeb li huwa minnu li r-rappreżentant tal-kumpanija appellanti stqarr fl-affidavit li l-kumpanija mhix debitriċi tiegħu u ta' martu. Madankollu jgħid li l-azzjoni tiegħu mhux preskritta għal raġuni oħra, *ossia* li azzjoni kontra fiduċjarju għal frodi u/jew diżonestà u/jew mala fidi ma tistax tkun preskritta u hija din ir-raġuni prinċipali li sostnew fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom biex jilqgħu għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

24. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li l-preskrizzjoni hija mezz sabiex wieħed ikun jista' jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmien li tgħid il-liġi (ara **Artikolu 2107(2) tal-Kodiċi Ċivili**). Il-filosofija legali li tiġġustifika l-preskrizzjoni hi li wara ċertu żmien l-obbligazzjonijiet bejn il-partijiet iridu jiġu maqtugħa. Huwa sewwasew għalhekk li tidħol fix-xena l-preskrizzjoni għaliex il-liġi ma tridx illi tilwimiet bejn partijiet jibqgħu mdendlin għal dejjem mingħajr ma

qatt jiġu solvuti (ara ***Albert Camilleri v. Dr Richard Galea Debono*** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Lulju, 1997; u ***Kooperattiva tal-Coaches (Koptaco) Limited v. Thomas Smith Insurance Agency Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell deċiża fil-25 ta' Mejju, 2023 ).

25. Illi l-kumpanija konvenuta appellanti sejset l-eċċezzjoni tagħha fuq l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**. Ma hemm l-ebda kontestazzjoni min-naħa tal-appellat li dan l-artikolu japplika għall-fattispeċi tal-każ tal-lum.

26. Kif rajna, l-atturi (illum l-attur waħdu) fittxew lill-kumpanija konvenuta għal danni mġarrba minnhom wara li jgħidu li l-kumpanija konvenuta mxiet magħhom b'rieda ħażina u naqset mill-obbligi kuntrattwali u legali tagħha meta permezz ta' rappreżentant tagħha ngħataw parir li jinvestu f'investiment partikolari. B'konsegwenza ta' dan huma tilfu parti mill-kapital tal-flus li kienu investew. Talbu għalhekk li l-Qorti tikkundanna lill-kumpanija konvenuta tħallashom il-parti tal-kapital li tilfu flimkien ma' mgħaxijiet u somma rappreżentanti spejjeż għax-xhud *ex parte* mressaq minnhom.

27. M'hemmx dubju li l-**Artikolu 2156(f)** japplika għall-każ tal-lum. Miżmum dan, hekk kif ingħad drabi oħra, sabiex jiġu applikati dawn il-preskrizzjonijiet il-qosra, jeħtieġ li jiġi osservat ukoll dak li jipprovdi l-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** (kif emendat fl-2017) jiġifieri: *«Il-*

*preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il haġa ġietx imħallsa.»* Bl-emenda li saret fis-sena 2017, il-leġislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas, il-konvenut ma jkunx jista' jieħu benefiċċju mill-preskrizzjonijiet qosra (ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Kompetenza Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***Bottega Del Marmista Ltd v. Paul Mifsud pro et*** tas-26 ta' Jannar, 2018). Tassew, bl-emendi tal-2017, inbidlet xi ftit is-sitwazzjoni, hekk kif ġaladarba tiġi eċċepita l-preskrizzjoni brevi jew partikolari, huwa l-konvenut li jrid minn jeddu jgħid bil-ġurament waqt il-kawża, li mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa (fejn qabel kien jingħata l-ġurament deċiżorju) (ara s-sentenzi ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ottubru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Anvil Limited v. Ta' Giorni Limited*** u dik tat-18 ta' Jannar, 2024 fl-ismijiet ***L-Avukat Dr Malcolm Mifsud et v. OpusTrust Sp.z.o.o et nomine***).

28. Fis-sentenza mogħtija fit-30 ta' April, 2024, fl-ismijiet ***Charles Schembri proprio et nomine v. Trader Marine Yacht Services Limited,*** il-Qorti tal-Appell fissret li:

> *«Qabel l-emendi, il-kreditur kellu l-għażla li jamministra l-ġurament lid-debitur. Id-debitur seta' jwieġeb li mhuwiex debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġiet imħallsa. Dan il-ġurament kien jissejjaħ wieħed deċiżorju, għaliex, ġaladarba mogħti, il-kreditur ma seta' jġib l-ebda prova oħra kuntrarja. Lanqas seta' jagħmel kontroeżami. Dan għaliex il-kwistjoni tkun ġiet deċiża definittivament billi ġiet rimessa għall-kuxjenza tad-debitur.*

*Kif uriet din il-Qorti kif preżentement komposta, fis-sentenza tagħha riċentissima* ***Bank of Valletta p.l.c. v. Renald Camilleri*** *deċiża fil-5 ta' Marzu 2024, bl-emendi li saru fis-sena 2017, is-sitwazzjoni inbidlet radikalment, hekk kif l-għoti tal-ġurament ma baqax fakultattiv u mogħti fuq talba tal-attur. Minflok, il-leġislatur ċaqlaq għal fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas, il-konvenut ma jkunx jista' jieħu benefiċċju mill-preskrizzjonijiet qosra (Sentenza ta' din il-Qorti (Kompetenza Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet* ***Bottega Del Marmista Ltd v. Paul Mifsud pro et*** *tas-26 ta' Jannar, 2018; ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ottubru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet* ***Anvil Limited v. Ta' Giorni Limited****)). Il-ġurament ma baqax deċiżorju.*

*B'danakollu, għad fadal xi fdalijiet mil-liġi l-antika. Hekk, kemm qabel kif ukoll wara l-emendi, l-attur seta' jattakka l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi jattakka l-ammissibilità jew l-applikabilità tagħha, jew jipprova l-interruzzjoni jew is-sospensjoni tal-preskrizzjoni (Ara* ***Bottega del Marmista****) suċċitata. Kemm qabel l-emendi kif ukoll illum, l-eċċipjent irid jaħlef li mhuwiex debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġiet imħallsa. Huwa kien u għadu jrid jikkonforma ruħu strettament ma' din il-formola, hekk kif imniżżla fl-Artiklu 2160 fuq imsemmi.»*

29. Illi ġalardarba li f'din il-kawża l-preskrizzjoni mqanqla mill-kumpanija konvenuta hija waħda estintiva tal-azzjoni attriċi, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt. Għaldaqstant l-**Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili** għandu jinqara wkoll fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**Artikolu 2137** tal-istess Kodiċi li jgħid li *«l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.»* Il-ħarsien ta' din ir-regola hi waħda bażika, tant li jinsab mgħallem illi l-impossibbiltà li wieħed jaġixxi trid tkun impossibbiltà indipendenti mir-rieda ta' dak li jkun, dovuta għal kawża 'l barra minnu li huwa ma setax ineħħi (ara s-sentenza fl-ismijiet ***Diego Attard et nomine v. Angelo Fenech*** deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kummerċjali fil-15 ta' Frar, 1965 u s-

sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***St George's Park Company Limited v. Dr Hugh Peralta*** maqtugħa fil-31 ta' Jannar, 2019)

30. Illi dan il-prinċipju jinbena fuq il-massima li *actione non natae non praescribitur*. L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** f'dan ir-rigward jgħallmu li «*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere...*» [cfr. **Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione** (Cap XII, §364 , paġ. 279)]. U band'oħra jżidu jgħidu illi «*La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*» [Op. cit. §393-bis, paġna 306]. (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***Johan Carabott et v. Emmanuel sive Leli Busuttil et*** maqtugħa fis-17 ta' Jannar, 2019).

31. Illi, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni mqanqla mill-parti mħarrka, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabbilita (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili fl-ismijiiet ***Victor Quintano v. Giorgina Calleja et*** maqtugħa fil-5 ta' April, 1993).

32. Illi min-naħa l-oħra, ladarba tkun stabbilita d-data li minnha 'l

quddiem tnisslet il-ħsara u beda għaddej iż-żmien preskrittiv, iċ-ċirkostanza dwar jekk il-parti mġarrba kinitx taf jew le li dik il-ġrajja seħħet ma tkunx rilevanti biex il-Qorti tqis jekk dak iż-żmien għaddiex jew għalaqx. Dan jingħad għaliex, fid-dawl tat-tagħlim imsemmi hawn fuq, «*Hu risaput illi d-dies a quo tal-preskrizzjoni jibda jgħodd minn meta ssir il-ħsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-ħsara.*» Fil-kawża ***Mary Xuereb v. Emmanuele Agius,*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: «*il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih.*» It-test huwa wieħed oġġettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-ħsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża ***Ratan Mohnani v. Carmelo Stivala***, deċiża fil-11 ta' Ġunju, 2010, qalet: «…….. *jibda biex jiġi reġistrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodiċi Ċivili, «bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*» Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Superjuri illi «t-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur u ċioè jekk din kinitx jew le f'kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni» (ara s-sentenza fl-ismijiet ***Raphel Micallef v. Anthony Agius***, maqtugħa fis-6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbagħad, *"iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali"* (ara s-sentenza fl-ismijiet

***Joseph Stivala v. Prof. Joseph Colombo***, deċiża mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili, fid-9 ta' Jannar 1953, u dik deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 2014 fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi Estates Ltd v. Frank Borda et***). Illi, minkejja dan, tibqa' dejjem tgħodd ir-regola li l-parti li tqanqal l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tippruvaha kif imiss u li, f'każ ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ***St George's Park Company Limited v. Dr Hugh Peralta*** maqtugħa fil-31 ta' Jannar, 2019)

33. Jirriżulta li l-atturi investew is-somom rispettivi fis-sena 2006 u 2007. Huma bdew jindunaw li kien hemm telf tal-kapital sa mill-aħħar tas-sena 2008. Bagħtu jilmentaw bil-miktub lill-kumpanija konvenuta f'Marzu, 2009 u f'April 2009, il-kumpanija konvenuta għarrfithom li ma kinitx qiegħda tilqa' l-ilment tagħhom. Stennew sakemm il-prezz jitla'. Fl-aħħar iddeċidew li jifdu l-investiment tagħhom f'Mejju, 2012 u Lulju, 2012 minn fejn jirriżulta li ġarrbu telf ta' parti mill-kapital. Ressqu ilment mal-MFSA, iżda ma waslu mkien. Il-kawża tal-lum tressqet biss fl-20 ta' Frar, 2020. Ma jirriżultax li l-atturi ppreżentaw xi ittra uffiċjali kontra l-kumpanija konvenuta.

34. Illi din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li ż-żmien telaq minn dakinhar li l-attur u martu fdew l-investimenti tagħhom. Jirriżulta mill-affidavit ta' Michael Schembri li l-miżżewġin Bonello ddeċidew li jifdu l-investiment tagħhom wara li ffirmaw dikjarazzjoni li kienu ġew mgħarrfa bid-

*discretionary redemption penalty* u fdew l-investiment tagħhom flimkien f'erba' darbiet (i) fis-7 ta' Novembru, 2007; (ii) fit-30 ta' Marzu, 2012; (iii) fit-30 ta' April, 2012; u (iv) fit-30 ta' Mejju, 2012. Imbagħad is-sinjura Bonello fdiet l-investiment tagħha fis-17 ta' Lulju, 2012. Għalhekk iż-żmien tal-preskrizzjoni telaq mid-dati rispettivi meta l-ewwel investiment infeda kollu u għat-tieni investiment meta nfeda wkoll. Dan kien il-mument fejn huma temmew ir-relazzjoni kuntrattwali mal-kumpanija konvenuta u meta effettivament ġarrbu t-telf tagħhom fil-kapital li huma kienu investew oriġinarjament, liema kapital kien mingħalihom garantit. Mingħajr ebda dubju, il-ħames snin għaddew.

35. Meta nduru għall-każ tagħna, jirriżulta li kuntrarjament għal dak li qalet l-Ewwel Qorti li l-kumpanija konvenuta ma ssodisfatx il-vot tal-liġi, ir-rappreżentant tal-kumpanija konvenuta Michael Schembri fl-affidavit tiegħu qal hekk: *«..nikkonferma li s-soċjetà konvenuta GCFM ma hijiex debitriċi tas-Sinjuri Bonello.»*

36. Bħalma ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Western Company Limited v. Salvu Pisani et*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru, 2023, *«Jissokta jingħad, li l-ġurament imsemmi fl-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** jista' jittieħed kemm permezz ta' xhieda bil-fomm quddiem il-Qorti jew inkella permezz ta' affidavit (ara **Direttur tar-Reġistru Pubbliku v. HSBC Bank Malta plc** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta'*

*Settembru, 2019 u* ***John Camilleri v. Maria Camilleri et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022).»*

37. B'żieda ma' dan, mill-atti proċesswali ma jirriżulta mkien li l-kumpanija konvenuta b'xi mod ammettiet li għandha tagħti lill-attur jew marret kontra dak li qalet. Kemm huwa hekk, meta l-attur u martu bagħtu l-ilment tagħhom lill-kumpanija permezz ta' *complaint form* datata 23 ta' Marzu, 2009 (ara Dok MS4 f'paġni 215 sa 219 tal-proċess), l-istess kumpanija b'ittra tas-7 ta' April, 2009 għarrfet lill-attur u martu li kienu investigaw il-każ u kkonkludew li ma kienx hemm bażi għall-ilment tagħhom (ara Dok MS5 f'paġna 220 tal-proċess).

38. Jiġi b'hekk li l-kumpanija konvenuta ssodisfat il-vot tal-liġi hekk kif meħtieġ mill-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili**.

39. L-aħħar punt li jrid jiġi mistħarreġ hija s-sottomissjoni tal-attur li l-azzjoni attriċi mhix preskritta b'riħet l-**Artikolu 1124F(1) tal-Kodiċi Ċivili**. Jgħidu li l-pern tal-azzjoni hija li l-kumpanija appellanti ġabet ruħha b'nuqqas ta' ħila u sengħa, traskuraġni u negliġenza u li dan in-nuqqas seħħ fil-qafas tat-twettiq tal-inkarigu tagħha u b'nuqqas ta' ħarsien tal-obbligi kuntrattwali tagħha u fuq kollox tal-inadempjenza tal-obbligi legali tagħha partikolarment tad-dmijiriet fiduċjarji tagħha li taġixxi fl-aħjar interess tal-klijenti tagħha.

40. Jisħaq li l-kumpanija appellanti kellha obbligi fiduċjarji b'riħet l-**Artikoli 1124A *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili**, kemm taħt l-obbligi kuntrattwali bejn il-partijiet kif ukoll *ai termini* tar-reġim regolatorju applikabbli. Dan minħabba li huma sodisfatti l-kriterji fl-**Artikolu 1124(A)(1) tal-Kodiċi Ċivili**. Jirreferu għalhekk għall-**Artikolu 1124F(1) tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi hekk: *«Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, azzjoni li tinġieb kontra fiduċjarju jew persuna li titqies bħala tali taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1124A: (a) għal xi frodi jew diżonestà li fir-rigward tagħhom dik il-persuna kienet parti jew kellha għarfien; jew (b)...m'għandhiex tiġi preskritta minkejja l-iskadenza taż-żmien.»* L-appellat iżid li l-**Artikolu 1124(F)(3)** ikompli jibni u jsaħħaħ il-prinċipju meta jipprovdi li: *«Meta l-fiduċjarju jew il-benefiċjarju jaġixxi bil-mala fidi taħt id-diżpozizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, dak l-att għandu jkun biżżejjed sabiex l-azzjoni ma tiġix preskritta.»* Jisħaq ukoll li dawn l-artikoli fil-**Kodiċi Ċivili** tagħna jikkodifikaw il-prinċipju tal-liġi Rumana *fraus omnia corrumpit,* liema istitut il-Qrati tagħna kien ilhom japplikaw minn ferm qabel ma ġew miżjuda formalment l-**Artikoli 1124(F)(1)** u **1124(F)(3)**.

41. L-appellat jgħaddi biex jirreferi għall-istanzi ta' diżonestà, rieda ħażina u frodi ċivili fil-konfront tagħha: (i) ittieħdu dikjarazzjonijiet b'qerq, *malafede* u diżonestà li ma kienx qiegħed jingħata parir; (ii) ġie rakkomandat prodott kumpless b'riskju għoli meta l-appellat u martu talbu li

jinvestu fi prodott ta' riskju baxx; (iii) l-appellat u martu kienu żvijjati meta ntqal lilhom u ngħata lilhom materjal promozzjonali, li l-PATF kien prodott b'riskju baxx; (iv) kien hemm ksur tal-obbligi fiduċjarji, diżonestà, qerq u *malafede* jirriżulta mid-dikjarazzjonijiet meħuda mill-kumpanija konvenuta; (v) ġew offruti biss dan l-investiment; (vi) ir-rappreżentanta li tat servizz f'isem il-kumpanija appellanti u tat il-parir tagħha ma kinitx awtorizzata mal-MFSA biex tagħmel dan; u (vii) anke l-Ewwel Qorti sabet li kien hemm ksur tal-obbligi fiduċjarji. Għalhekk, jagħlqu billi jgħidu li r-raġuni li l-azzjoni attriċi mhix preskritta mhux biss b'osservazzjoni tal-prinċipju dejjem imħares mill-qrati tagħna ta' *fraus omnia corrumpit,* imma wkoll tat-test ċar tal-liġi permezz tal-**Artikoli 1124F(1)** u **1124F(3) tal-Kodiċi Ċivili**.

42. Illi l-appellat isejjes l-argument tiegħu li l-azzjoni mhix preskritta fuq is-**subinċiżi (1)** u **(3) tal-Artikolu 1124F(1) tal-Kodiċi Ċivili**. Biss però jiġi nnutat li l-**Artikolu 1124F** ġie miżjud permezz tal-**Att XXXVI tas-sena 2018**. Dan ifisser li l-azzjoni attriċi kienet diġà ġiet preskritta mad-daħla ta' dan l-artikolu fil-liġi tagħna.

43. Sfiq ma' dan, ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Marzu, 2024 fl-ismijiet ***Mizzi Group Limited et v. Desmond Mizzi et*** li: *«Sa fejn l-appellanti jindikaw in-nonpreskrivibilità tat-talbiet tagħhom sa fejn imsejsa fuq ksur ta' obbligi fiduċjarji, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1124F tal-Kodiċi ma jgħoddux għall-każ li seħħ meta dawk id-*

*dispożizzjonijiet kien għad fadlilhom is-snin biex jaraw id-dawl tax-xemx u jsibu posthom fl-imsemmi Kodiċi (Ara* ***Artikolu 1124J(ċ) tal-Kodiċi Ċivili****).»*

44. Kemm hu hekk, l-**Artikolu 1124J(ċ) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi dan li ġej: *«Fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:*

> *«(ċ) id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu għandhom japplikaw għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji kollha li jkunu jeżistu fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jew kwalunkwe emendi fir-rigward, anke jekk jirriżultaw qabel tali data, kif ukoll għal kwalunkwe obbligazzjonijiet fiduċjarji li jirriżultaw sussegwentement:*
>
> *Iżda dawn id-dispożizzjonijiet m'għandhomx japplikaw retrospettivament meta l-effett tagħhom ikun li jċaħħad jew jirrestrinġi kwalunkwe dritt vestit jew li joħloq xi responsabbiltà li ma kinitx teżisti fil-liġi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet»*

45. Fil-fatt dan l-artikolu jikkodifika l-prinċipju li l-ebda liġi ma għandha tiskossa dritt miksub qabel ma ġiet imnedija. Marbut ma' dan, il-Qorti tal-Appell tenniet fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2018 fl-ismijiet ***Sergio Manchè v. Carmel sive Charles Grech*** li

> *«Huwa minnu li l-kawża għadha ma nqatgħetx, u illi liġijiet proċedurali japplikaw minnufih, ukoll għal kawżi li jkunu nbdew qabel ma tkun saret l-emenda għal-liġi proċedurali iżda jkunu għadhom pendenti, iżda dan ma jolqotx jeddijiet sostantivi ġà miksuba, bħal ma hu l-ħelsien minn dejn li jkun ġà nkiseb meta l-liġi l-ġdida tidħol fis-seħħ. Fil-każ tal-lum, jekk tassew l-azzjoni tal-attur kienet waqgħet bi preskrizzjoni meta tressqet l-eċċezzjoni relativa, l-eċċezzjoni ma tintlaqatx b'emendi li jsiru wara.»*

46. Għaldaqstant l-artikolu tal-liġi msemmi mill-appellat, anke jekk dak kollu allegat minnu seħħ, ma jistax ikun ta' fejda għalih. Jiġi b'hekk li l-

azzjoni attriċi hija preskritta.

47. Fl-aħħar nett u għall-kompletezza, l-appellat semma s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Diċembru, 2005 fl-ismijiet ***Joseph Spiteri et v. Josephine Cremona et*** u sostna li anke fi żmien meta kienu għadhom ma ddaħħlux l-**Artikolu 1124F(1)** u **1124F(3) tal-Kodiċi Ċivili** diġà kellha l-okkażjoni tiddeċiedi fuq il-kwistjoni tal-preskrizzjoni fejn irriżulta li kien hemm *malafede* min-naħa tal-konvenuta, u għaddiet biex ċaħdet l-istess eċċezzjoni abbażi tal-prinċipju ta' *fraus omnia corrumpit.* Dan huwa minnu iżda ċ-ċirkostanzi tal-każ kienu totalment differenti minn dawk tal-każ illum, fejn il-każ kien ippernjat fuq talba għad-danni konsegwenza tan-nuqqas tal-konvenuti li jersqu għall-att ta' bejgħ ta' art kif ordnat b'sentenza. Għaldaqstant it-tagħlim li joħroġ minn din is-sentenza mhux ta' fejda għall-appellat.

48. Billi din il-Qorti sabet li l-azzjoni attriċi hija preskritta, m'hemmx il-ħtieġa li tistħarreġ il-bqija tal-aggravji.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** l-appell tal-kumpanija GlobalCapital Financial Management Limited u b'hekk tħassar is-sentenza appellata u minflok tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-

kumpanija konvenuta u b'hekk tiddikjara li t-talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu għax l-azzjoni tal-attur appellat hija preskritta b'riħet l-**Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili**.

L-ispejjeż kollha kemm tal-ewwel istanza u dawk tal-appell jinġarru mill-attur appellat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss